# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 9 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru**

**Avviz numru 846/00 SM**

**Manuel u Carmen Camilleri**

**vs**

**Ruth u Benny Scerri**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Dicembru 2000 f'din il-kawza, liema sentenza taqra kif gej :-

"Il-Qorti,

Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond Alison Flats, Flat No. 1, Triq il-Munxar, M'Skala, li qed jokkupaw bla titolu. Il-valur lokatizju tal-fond huwa ta' mhux aktar minn LM50;

Bl-ispejjez, bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni u b'riserva ghad-danni tal-okkupazzjoni;

> Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);
>
> Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fil-5 ta' Dicembru tas-sena 2000 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;
>
> Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

Minn dik is-sentenza appellaw il-konvenuti Ruth u Benny Scerri permezz ta' rikors tal-appell prezentat fid-19 ta' Dicembru 2000, lib ih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tibghat l-atti lura lill-ewwel Onorabbli Qorti biex il-kawza terga tigi trattata u deciza. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Essenzjalament, biex din il-Qorti taqtaghha fil-qasir, l-ilment tal-appellanti huwa fis-sens illi l-affarijiet saru b'mod mghaggel quddiem l-ewwel Qorti u bi vjolazzjoni tad-dritt taghhom illi jinstemghu. Essenzjalment, huma jghidu illi l-kawza taghhom kienet iggib in-numru 37 fuq il-lista ta' dakinhar – u ta' dan hemm prova – u li kienu barra jistennew illi din il-kawza tissejjah, li din il-kawza ma semghuha qatt tissejjah, u li fid-9:10am huma flimkien mal-avukat taghhom dahlu fl-awla tanto per, ghax ma ppretendewx li l-kawza kienet ser tinstema' dak il-hin, u sabu illi kienet diga' giet deciza. In realta', din il-Qorti taqbel li dawn huma verament ic-cirkostanzi. Infatti, jidher illi m'ghandhiex raguni tiddubita, illi kien fl-ewwel ftit minuti tas-seduta li l-

kawza taghhom li kienet bin-numru 37 fuq il-lista giet effettivament deciza. Dan wahdu, abbinat mal-fatt ta' dak illi gie depost bil-gurament mid-difensur tal-appellanti quddiem din il-Qorti, huwa fil-fehma ta' din il-Qorti sufficjenti biex, bhal ma ghamlet f'kawzi analogi fil-passat, anke f'din il-kawza, hija tirrevoka s-sentenza appellata u tibghatha quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti mill-gdid halli l-istess tigi trattata u deciza in konformita' mal-principji legali kollha.

In realta' pero' hemm fattur iehor importanti u li jirrigwarda l-mod kif saru l-kapitoli tal-atturi ghas-subizzjoni tal-konvenuti. Il-kapitoli jinsabu a fol. 7 tal-process. Stranament jidhru illi huma inkorporati f'dokument bl-intestatura tal-ewwel Qorti bl-isem anke tal-Magistrat sedenti, u testwalment il-kapitolu jghid "li biha jrid jipprova bil-gurament li huwa debitur tal-atturi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz u li t-talbiet huma fondati.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kapitolu f'kaz bhal dan ma jistax jigi accettat hekk kif inhu bhal li kieku din il-kawza si trattava ta' kanonizazzjoni ta' kreditu. Din il-kawza kienet tirrigwarda allegazzjoni ta' okkupazzjoni ta' proprjeta' bla titolu validu fl-ligi u l-kapitoli kellhom ikunu diretti u f'dak is-sens. Anke abbazi ta' dan, ghalhekk, din il-Qorti wkoll jidhrilha illi huwa l-kaz illi tigi revokata s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi akkolt u s-sentenza appellata qed tigi revokata u l-atti qeghdin jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti biex il-kawza

titkompla u tigi deciza skond il-ligi.  L-ispejjez tal-Prim'istanza kif ukoll ta' din l-istanza, jkunu a karigu tal-partijiet nofs kull wiehed fic-cirkostanzi.

Dep/Reg

mg